



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-26 ta' Jannar 2021

Lakuni fl-iskambju ta' *data* dwar it-taxxa fl-UE jistgħu jistimolaw l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa

Skont rapport speċjali ġdid li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), għad ma hemmx kondivżjoni suffiċjenti ta' informazzjoni dwar it-taxxa fost l-Istati Membri tal-UE biex tiġi żgurata tassazzjoni ġusta u effettiva fis-Suq Uniku kollu. Il-problemi mhumiex biss bil-qafas leġiżlattiv tal-UE, iżda wkoll bl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ li hija twettaq. B'mod partikolari, l-awdituri sabu li ta' sikwit l-informazzjoni li tiġi skambjata hija ta' kwalità limitata jew ma tintużax biżżejjed.

L-għadd dejjem jikber ta' tranżazzjonijiet transfruntieri jagħmilha diffiċli għall-Istati Membri biex jivvalutaw b'mod xieraq it-taxxi dovuti, u jstimola l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa. Id-dħul mitluf minħabba evitar tat-taxxa korporattiva waħdu huwa stmat f'ammont ta' bejn EUR 50 biljun u EUR 70 biljun fis-sena fl-UE, ċifra li tilħaq madwar EUR 190 biljun jekk jiġu inklużi arranġamenti speċjali tat-taxxa u ineffiċjenzi fil-ġbir tat-taxxa. Għalhekk il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri hija essenzjali biex jiġi żgurat li t-taxxi jinġabru bis-sħiħ u fejn dawn ikunu dovuti.

"Il-ġustizzja fit-taxxa hija kruċjali għall-ekonomija tal-UE: iżżid iċ-ċertezza għall-kontribwenti, issaħħaħ l-investiment u tistimola l-kompetizzjoni," **qalet Ildikó Gáll-Pelcz, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu.** *"Fi snin reċenti, l-inizjattivi taw lill-amministrazzjonijiet aċċess bla preċedent għad-data dwar it-taxxa. Minkejja dan, jeħtieġ li l-informazzjoni li tiġi skambjata tintuża ħafna aktar biex is-sistema tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha."*

Il-qafas leġiżlattiv li l-Kummissjoni Ewropea stabbiliet għall-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa huwa trasparenti u loġiku. L-awdituri jwissu li, madankollu, dan fih bosta lakuni. L-ewwel nett, jibqa' inkomplet fir-rigward tat-trażżin tal-evitar u l-evażjoni tat-taxxa. Il-kriptovaluti, iżda wkoll pereżempju forom oħra ta' introjtu, mhumiex suġġetti għal rappurtar obbligatorju, u għaldaqstant jibqgħu fil-biċċa l-kbira mhux intaxxati. It-tieni nett, l-appoġġ li jiġi pprovdut lill-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Istati Membri mhuwiex estensiv biżżejjed. B’mod partikolari, il-Kummissjoni bilkemm tindirizza l-problema ta’ kwalità fqira tad-*data* u ma tivvalutax kemm is-sanzjonijiet għan-nuqqas ta’ konformità huma effettivi u ta’ deterrent. Fl-aħħar nett, jenħtiegħ li l-Kummissjoni tipprovdi aktar gwida biex tgħin lill-Istati Membri, speċjalment fil-qasam tal-analiżi u l-użu tad-*data*.

Filwaqt li huwa essenzjali li l-awtoritajiet tat-taxxa jkollhom stampa aħjar tal-oqsma l-aktar affettwati mill-evitar u l-evażjoni tat-taxxa biex ikunu jistgħu jieħdu miżuri korrettivi xierqa, ma hemmx qafas tal-UE għall-monitoraġġ tal-kisbiet tas-sistema. L-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li, fil-prattika, ma hemm l-ebda sett uniku ta’ indikaturi tal-prestazzjoni fl-UE kollha biex tittejjel l-effettività tal-informazzjoni dwar it-taxxa li tiġi skambjata fost l-Istati Membri.

Is-sistema għall-iskambju ta’ informazzjoni dwar it-taxxa tista’ taħdem tajjeb, dment li d-*data* tkun preċiża, kompleta u kondiviża puntwalment. L-awdituri jikkritikaw il-fatt li dan sfortunatament mhux dejjem huwa l-każ. Barra minn hekk, b’mod ġenerali l-informazzjoni li tiġi skambjata ma tintużax biżżejjed, u dan iwassal għal nuqqas fit-tassazzjoni. Minkejja dan, l-awdituri sabu li l-iskambji fuq talba kif ukoll l-iskambji spontanji jaħdmu tajjeb. Bl-istess mod, il-kontrolli simultanji minn żewġ Stati Membri jew aktar fuq kontribwenti ta’ interess komuni jew komplementari għalihom urew li huma għodda effettiva għall-valutazzjoni tat-tassazzjoni ta’ tranżazzjonijiet transfruntieri.

Informazzjoni ġenerali

Il-ġbir tat-taxxi huwa r-responsabbiltà ta’ kull Stat Membru. Minkejja dan, l-UE għandha rwol x’taqdi fl-assistenza mogħtija lilhom għall-ġlieda kontra l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa. Flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem biex tagħmel is-sistemi fiskali nazzjonali tal-UE aktar trasparenti, affidabbli u effettivi. Għal dan il-għan, ġiet stabbilita sistema għall-iskambju ta’ informazzjoni dwar it-taxxa u dwar il-kontijiet finanzjarji fost l-Istati Membri. F’konformità mal-istandards tal-OECD, l-awtoritajiet tat-taxxa fl-UE qablu wkoll li jikkooperaw aktar mill-qrib, mhux biss billi japplikaw ir-regoli dwar it-tassazzjoni b’mod korrett, iżda anki billi jiġġieldu kontra l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa.

Id-Direttiva tal-2011 dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva tikkostitwixxi parti fundamentali mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fit-tassazzjoni diretta. Fi snin reċenti, din ġiet emendata bosta drabi biex il-kamp ta’ applikazzjoni tagħha jiġi estiż.

L-awditu twettaq f’ħames Stati Membri: Ċipru, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja u Spanja.

Ir-Rapport Speċjali Nru 03/2021: “L-iskambju ta’ informazzjoni dwar it-taxxa fl-UE: sies sod, xquq fl-implimentazzjoni” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru fir-rapporti jiddaħħlu fil-prattika.

Kuntatt għall-Istampa għal dan ir-rapport

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502